# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 29**
**Appell numru 395/15 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1685/2015**

**Av. Renzo Porsella Flores u P.L. Veronica Rossignaud**

***v.***

**Angelo Zarb**

1. Dan huwa appell minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Novembru 2015 dwar il-preskrizzjoni ta' drittijiet ta' kuraturi deputati maħtura mill-qorti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-intimat Angelo Zarb kien fetaħ kawża kontra terzi, u biex jidhru għal dawn it-terzi, billi assenti minn Malta, il-qorti kienet ħatret lill-Avukat Renzo Porsella Flores u lill-Prokuratriċi Legali Veronica

Rossignaud bħala kuraturi *ad litem*. Il-kawża marret deżerta fid-29 ta' Diċembru 2010.

3. Il-kuraturi kisbu l-ħruġ ta' taxxa ta' drittijiet ġudizzjarji li jmissu lilhom u b'ittra ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2015 sejħu lil Zarb biex iħallas u b'hekk it-taxxa saret titolu esekuttiv. Billi Zarb ma ħallasx il-kuraturi fit-30 ta' Ottubru 2015 kisbu l-ħruġ ta' mandat esekuttiv ta' sekwestru.

4. B'rikors tal-6 ta' Novembru 2015 Zarb talab illi l-qorti tħassar il-mandat billi t-talba tal-kuraturi kienet waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2149(*ċ*) u (*d*) tal-Kodiċi Ċivili. Il-kuraturi wieġbu fis-16 ta' Novembru 2015 u opponew għat-talba; il-qorti b'dikriet tas-17 ta' Novembru 2015 li minnu sar dan l-appell iddeċidiet hekk:

   »Tilqa' t-talba għar-revoka tal-mandat billi talba għall-ħlas ta' prokuratur *ad litem* ma tistax tirnexxi jekk issir wara t-terminu ta' sentejn minn mindu l-azzjoni ġiet terminata; ara l-artikli 2149(*d*) u 2150 tal-Kap. 16.«

5. L-artt. 2149(*ċ*) u (*d*) u 2150(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħidu hekk:

   »**2149.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn:

   »(*ċ*) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu ;

   »(*d*) l-azzjonijiet tal-prokuraturi *ad litem* jew ta' prokuraturi oħra, jew mandatarji, għall-ħlas li jmisshom, għall-ispejjeż li jagħmlu, għall-indennizz li jkollhom jieħdu għat-telf li jbatu, u għar-radd tal-flus li joħorġu minn tagħhom.

   »**2150.** (1) Il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet hawn fuq imsemmija ta' avukati, prokuraturi legali jew prokuraturi *ad litem*, tibda miexja minn dak in-nhar tad-deċiżjoni finali jew tat-transazzjoni tal-kawża jew minn dak in-nhar li jispiċċa l-inkarigu mogħti lilhom.«

6. Il-kuraturi appellaw b'rikors tat-23 ta' Novembru 2015 li għalih Zarb wieġeb fid-9 ta' Diċembru 2015.

7. L-aggravju tal-kuraturi essenzjalment huwa illi l-art. 2149(*d*) ma jolqotx il-każ tagħhom għax huma ma kinux prokuraturi jew mandatarji ta' Zarb għax ma kinux maħtura minnu iżda mill-qorti, u lanqas ma nħatru biex jidhru għal Zarb iżda biex jidhru għal terzi, kontro-parti ta' Zarb fil-kawża li dan fetaħ. Ukoll, lanqas l-art. 2149(*ċ*) ma jolqot il-każ għax Zarb ma kienx klijent tagħhom. L-art. 2149(*ċ*) u (*d*) jolqtu r-relazzjoni bejn il-mandatarju jew pro-kuratur u l-mandant tiegħu u r-relazzjoni bejn l-avukat jew prokuratur legali u l-klijent tiegħu, iżda r-relazzjoni bejn il-kuraturi u Zarb ma hija ebda waħda minn dawn.

8. Il-kwistjoni ewlenija hi jekk kuratur deputat maħtur *ex officio* mill-qorti jitqiesx prokuratur *ad litem* imsemmi fl-art. 2149(*d*) Kod. Ċiv. Il-qorti taqbel mal-kuraturi illi dan ma huwiex il-każ billi mandat-arju jew prokuratur *ad litem* jinħatar direttament mill-parti minnu rappreżentata waqt li kuratur deputat jinħatar mill-qorti fuq talba tal-kontro-parti. Il-kuraturi għalhekk ma humiex mandatarji jew prokuraturi *ad litem* ta' Zarb.

9. Għall-istess raġuni, it-talba tal-kuraturi ma tintlaqatx bl-art. 2149(*ċ*) għax il-kuraturi ma humiex avukat jew prokuratur legali ta' Zarb u ma rċevewx il-ħatra tagħhom mingħandu.

10. Il-qorti għalhekk tħassar id-dikriet tas-17 ta' Novembru 2015. L-ispejjeż kollha ta' dan l-episodju jħallashom Angelo Zarb.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df